

31992D0278

26.5.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 144/19

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-18 ta' Mejju 1992****li tikkonferma l-konsolidazzjoni taċ-Ċentru KE-Ġappun għall-Kooperazzjoni Industrijali**

(92/278/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi ċ-Ċentru KE-Ġappun għall-Kooperazzjoni Industrijali ġie stabbilit fis-sena 1986 bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-kooperazzjoni industrijali bejn il-Komunità u l-Ġappun;

Billi l-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Marzu 1987 innota b'interess it-tnedija tal-fażi pilota taċ-Ċentru u laqa' b'merħba l-kontribuzzjoni ta' l-industrija sabiex tiġi implimentata;

Billi l-Kunsill fis-26 ta' Novembru 1990 approva l-konklużjonijiet tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika industrijali f'ambjent miftuħ u kompetittiv;

Billi l-Kummissjoni ġiet imsejħa sabiex tissokta x-xogħol tagħha dwar il-politika industrijali filwaqt li jinżammu fil-moħħ:

- l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u ta' l-istrategġiji tal-pajjiżi maġġuri industrijali mhux fil-KEE u tal-pajjiżi industrijalizzati dan l-aħħar,
- il-ħtieġa ta' l-użu approprijat ta' l-istrumenti disponibbli lill-Komunità sabiex issaħħa il-kapaċitajiet teknoloġiċi u l-kompetittività tas-sistema industrijali Ewropea;

Billi x-xogħol taċ-Ċentru KEE-Ġappun għall-Kooperazzjoni Industrijali jikkontribwixxi għax-xogħol tal-Komunità fil-qasam tal-politika industrijali;

Billi ċ-Ċentru hu kkofinanzjat mill-estimi finanzjarji ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, il-MITI u l-kontribuzzjonijiet mill-industrija taż-żewġ Partijiet;

Billi ċ-Ċentru, sa issa mmexxi bħala proġett pilota, wera li huwa ta' suċċess billi fil-biċċa l-kbira pprovda programmi tat-taħriġ dwar il-ġestjoni għal numru dejjem jikber ta' *managers* kummerċjali ta' l-impriżi Komunitarji, kif ukoll it-tagħrif dwar l-ambjent kummerċjali Ġappuniż;

Billi l-bord tas-sorveljanza taċ-Ċentru kkonkluda illi l-attivitajiet taċ-Ċentru huma promettenti, jimmeritaw sostenn qawwi miż-żewġ promuturi maġġuri, il-Kummissjoni u l-MITI, u li għandu jiġi kkonsolidat;

Billi, għalhekk, din il-konsolidazzjoni proposta għandha tiġi kkonfermata u ċ-Ċentru għandu jiġi stabbilit bħala intrapriża komuni bejn il-KEE u l-Ġappun;

Billi t-Trattat ma jipprovdi il-poteri għajr dawk fl-Artikolu 235, sabiex tiġi adottata din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Hija hawnhekk ikkonfermata fisem il-Komunità Ekonomika Ewropea il-konsolidazzjoni taċ-Ċentru KEE-Ġappun għall-Kooperazzjoni Industrijali u l-istabbiliment tiegħu bħala intrapriża komuni bejn il-Komunità u l-Ġappun.

Artikolu 2

Il-mira taċ-Ċentru KEE-Ġappun għall-Kooperazzjoni Industrijali hija li jikkontribwixxi għall-kooperazzjoni industrijali bejn il-Komunità u l-Ġappun, partikolarment billi jorganizza programmi tat-taħriġ fil-ġestjoni għall-uffiċjali eżekuttivi fil-kummerċ Ewropew, billi jipprovdi tagħrif dwar l-ambjent u l-opportunitajiet kummerċjali Ġappuniżi, u billi joffri programmi għall-ispeċjalisti Ewropej dwar l-enerġija alternattiva.

Artikolu 3

Iċ-Ċentru KEE-Ġappun għall-Kooperazzjoni Industrijali jinstab f'Tokjo, il-Ġappun.

Artikolu 4

Iċ-Ċentru huwa ffinanzjat konguntemment mill-Ġvern tal-Ġappun, mill-Komunità u minn promuturi privati.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Mejju 1992.

*Għall-Kunsill**Il-President*

Arlindo MARQUES CUNHA

⁽¹⁾ ĠU Ċ 173, 4.7.1991, p. 4.

⁽²⁾ ĠU Ċ 94, 3.4.1992.